# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 28 ta' April 2016

Rikors Guramentat Nru. 144 / 14RGM

Kawza fil-lista: 21

**D F**
**vs**
**G P F**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fl-4 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talab is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrent huwa legalment separat minn ma martu l-intimata in forza ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Clinton Bellizzi datat 23 ta Frar 2010;

2. Illi skond l-istess kuntratt pubbliku fil-klawsola numru tnejn (2) taht il-Kap Disposizzjonijiet Generali, ir-rikorrent intrabat li jhallas lill-intimata martu s-somma ta' mija u hamsin euro (€150) fix-xahar pagabbli kull xahar b'lura bhala alimenti favur taghha;

3. Illi dan l-istess ammont mensili qed jigi imnaqqas direttament mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali mill-Pensjoni tieghu tal-eta';

4. Illi minn dakinhar 'l hawn ic-cirkostanzi ta' bejn il-konjugi F nbiddlu fis-sens illi l-posizzjoni ekonomika tal-intimata marret ghall-ahjar filwaqt li dik tar-rikorrent saret aktar gravuza kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh tal-odjerni proceduri;

5. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta opportun li r-rata ta' alimenti msemmija fuq il-precitat kuntratt ta' separazzjoni jigi varjat fis-sens li ghandu jonqos sabiex ikun aktar ragjonevoli in konfront mal-qaghda finanzjarja taz-zewg nahat;

6. Illi r-rikorrent ipprova jasal ghal ftehim amikevoli fuq is-suespost mal-intimata tramite l-procedura ta' medjazzjoni pero` ta' l-ahhar qatt ma resqet ghas-seduti fissati;

7. Illi r-rikorrent gie awtorizzat li jipprezenta l-odjern rikors permezz ta digriet ta' din l-istess Qorti;

8. Illi l-fatti li jifformaw parti mill-premessi hawn fuq elenkati huma maghrufa personalment lir-rikorrenti;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna li r-rata mensili ta' alimenti pagabbli mir-rikorrenti lil martu tigi varjata fis-sens li ghandha tigi ridotta halli din tkun tirrifletti tassew u tkun in linea mal-qaghda finanzjarja taz-zewg kontendenti;

2. Tordna li r-rata l-gdida hekk fissata tigi registrata fuq kuntratt pubbliku relattiv ta' varjazzjoni u ghal dan il-ghan tinnomina Nutar Pubbliku u kuraturi deputati ghall-eventwali kontumaci.

3. Taghti kull-provvediment u jew ordni ohra li jkun jidrilha hekk xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok, hija qatt ma giet nnotitikat bl-atti tal-medjazzjoni. Fil-fatt jirrizulta illi l-indirizz indikat mill-attur fl-ittra tal-medjazzjoni u cioe Blokk B, Flat 4, Santa Margherita Court, Triq il-15 ta' Awwissu, Mosta kien 1-indirizz fejn kienet tirresjedi sas-sena 2011. L-attur kien jaf li hija ma kienitx ghadha residenti f'dak 1-indirizz ghax fil-fatt in-notifika tar-rikors guramentat odjern inharget fuq l-indirizz attwali tal-esponenti gewwa Birkirkara.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost hija topponi ghat-talbiet kollha kontenuti fir-rikors guramemat, fost ohrajn minhabba li ma sehh l-ebda tibdil fic-cirkostanzi li huwa gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-

volonta tal-attur, li jimmeritaw li l-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn il-partijiet jigi rivedut.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu michuda u dan stante illi huwa ben risaput illi pacta sunt servanda u ghalhekk mhuwiex apert lill-attur illi jittenta jirrevedi stipulazzjonijiet kontrattwali minnu liberament accettati.

4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur ghandu l-mezzi finanzjarji biex jghaddi l-manteniment lil martu l-esponent skond kif obbliga ruhu li jaghmel fil-kuntratt ta' separazzjoni ippubblikat fit-23 ta' Frar 2010.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit tal-attur anness ma’ nota ppresentata fl-20 ta’ Awissu 2014;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2014 meta l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-attur li xehed fis-seduta tad-19 ta’ Novembru 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u ppresenta xi dokumenti fis-seduta sussegwenti tat-2 ta’ Frar 2015;

Rat ix-xhieda ta’ Joseph Chircop ghad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali li xehed fl-istess seduta tat-2 ta’ Frar 2015; kif ukoll fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2015;

Rat il-kontro-ezami tal-attur li sar fis-seduta tas-7 ta’ Lulju 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Semghat it-trattazzjoni orali tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-14 ta’ Jannar 2016.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Il-Provi.**

L-attur fl-affidavit tieghu, Fol 15. ddikjara li hu u martu sseparaw b’kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Clinton Bellizzi fit-23 ta’ Frar 2010; li skond l-istess

kuntratt obbliga ruhu li jhallas manteniment lill-intimata martu l-ammont ta' Euro 150 fix-xahar; li dan l-ammont qed jitnaqqas direttament mill-pensjoni tieghu tal-eta' li jircevi mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali; li kien hemm bdil fic-cirkostanzi, minn meta saret is-separazzjoni fis-sens li l-posizzjoni tal-intimata mmeljorat, mentri tieghu ppeggjorat. Dan ghalhiex jrid ihallas kera ta' Euro 230 fix-xahar, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, circa Euro 35 fix-xahar, spejjez kurrenti ghal-hajja circa, Euro 250 fix-xahar, u l-kumplament tal-pensjoni circa Euro 650 fix-xahar jonfoqhom fuq medicina, tobba, fuel, spejjes fil-vettura ta' natura mekkanika u assikurazzjoni u licenzja.

Mill-banda l-ohra, l-intimata ma ghandhiex dawn l-ispejjez billi tghix ma' uliedha Krista Pia u RuthAnne, u qed tgawdi min-nofs tar-rikavat tal-bejgh tad-dar konjugali, mentri hu ghadda ammont sostanzjali minn sehemu lill-binthom l-ohra Daphne.

L-attur ezebixxa Dok QP1 meta xehed fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014 , li minnu jirrizulta, li wara li jitnaqqas l-ammont ta' Euro 150, manteniment tal-mara, hu rceva bhala pensjoni l-ammont ta' Euro 623.24 fis-27 ta' Settembru 2014 u fil-25 ta' Ottubru 2014, u rcieva l-ammont ta' Euro 758.34 fit-22 ta' Novembru 2014. Hu kkonferma li meta sar il-kuntratt fi Frar 2010 hu kien qed jircevi pensjoni tal-invalidita'. Hu ghamel xi 20 sena jahdem mal-Gvern, gie boarded out, ftit snin qabel kellu l-eta' ghall-pensjoni, meta beda jircevi il-pensjoni tal-invalidita' sakemm lahaq l-eta' tal-pensjoni, cioe' meta ghalaq 61 sena, fis-sena 2010, billi twieled fin-1949, u beda jircevi l-pensjoni normali.

Fil-kontro-ezami kkonferma li kienu gew lilu assenjati zewg garages, wiehed il-Mosta u l-iehor Birkirkara, u li dawn ma ipprovawx jikrihom. Ghandu Euro 5,000 investiti f'Bonds. Iddikjara li lit-tifla Daphne kien ta xi Euro 23,000 b'kollox.

Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2015, gie esebit mill-attur, kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Margaret Heywood, fis-26 ta' Jannar 2010, li minn jirrizulta li l-partijiet bieghu t-terran numru 8, Charmar, Triq Agnese Schembri, Birkirkara u l-garage anness mieghu, bil-prezz ta' Euro 122,292.00.

Fl-istess seduta giet ipprezentata skrittura privata tat-13 ta' Ottubru 2014, li minnha jirrizulta li l-attur kera appartament, numru 28, Shik Apartments, St Anne Street, Marsascala bil-kera ta' Euro 230 fix-xahar.

In kontro-ezami fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2015, l-attur xehed li l-introjtu tieghu mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali zdied u mhux naqas minn meta sar l-kuntratt fit-2010, li ma kompliex jipprocedi kontra bintu Daphne biex tirrifondhielu l-flus li kien taha, li sehemu mir-rikavat tal-bejgh tad-dar kien tah lilha billi kienet qed iddur bih, u tahsillu hwejjgu. Dam xi sena u nofs jghix maghha wara li nbieghet id-dar. Il-garage tal-Mosta zammu, mentri dak ta' Birkirkara bieghu ghal xi Euro

20,000. Mistoqsi jekk setax jispecifika li l-posizzjoni ekonomika tal-intimata immeljorat, illimita ruhu biex jghid li ghandha l-ghajnuna tat-tfal, billi tghix maghhom. Jaf li martu tghix mat-tifla z-zghira f'Birkirkara, ma jafx jekk l-ohra zzewgitx u l-anqas jaf ta' min hi d-dar.

Joseph Chircop, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, kkonferma li l-attur fid-19 ta' Frar 2005 beda jiehu l-pensjoni tal-invalidita' u fl-10 ta' Lulju 2010, meta ghalaq 61 sena, beda jircevi l-pensjoni taz-zewg terzi.

Kif jirrizulta mid-dokument Dok JC minnu esebit hu beda jircevi l-invalidity pension fid-19 ta' Frar 2005 u baqa' jirceviha sad-9 ta' Lulju 2010, meta beda jircevi l-pensjoni taz-zewg terzi.

Hu kkonferma li mal-pensjoni hemm marbuta il-bonuses, special bonus b'effett mid-19 ta' Frar 2005, bonus iehor ta' sitt xhur b'effett mill-istess data u Cost of Living Bonus b'effett mill-5 ta' Jannar 2008.

B'effett mill-10 ta' Lulju 2010 qed jitnaqqsu  Euro 34.62 fil-gimgha li jithallsu lill-mara tieghu.

L-istess xhud fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2015 esebixxa Dok JC1 rendikont tad-dhul tal-intimata mis-sena 2020 'l hawn. Jirrizulta li b'effett mill-10 ta' Jannar 2015 bdiet tircevi Euro 70.33 fil-gimgha bhala pensjoni, tircevi ukoll xi bonuses u cost of living bonus. Fit-2010 rceviet ghajnuna socjali fl-ammont ta' Euro 75.25 kull gimgha ghal erba' gimghat.

**Konsiderazzjonijiet.**

Il-partijiet sseparaw b'kuntratt ippubblikat fit-23 ta' Frar 2010, l-attur intrabat li jhallas lill-intimata martu Euro 150 fix-xahar manteniment. Meta sar il-kuntratt l-attur kien qed jircievi Invalidity Pension, dan hu kkonfermat  fil-paragrafu 2 - Disposizzjonijiet Generali, tal-imsemmi kuntratt li jghid li l-ammont li ghandha tircevi l-mara 'jinqata direttament mill-Pensjoni tal-Invalidita' tieghu jew minn kull pensjoni futura ohra'. In oltre, ir-rapprezentant tad-Dipartiment ikkonferma li l-pensjoni taz-zewg terzi l-attur beda jirceviha meta ghalaq 61 sena cioe'fl-10 ta' Lulju 2010, kwazi 5 xhur wara li sari l-kuntratt.

L-attur b'din il-kawza qed jitlob li  dan l-ammont ta' Euro 150 fix-xahar li ntrabat li jhallas lill-martu fil-kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi ridott biex din tkun tirrifletti tassew "il-qaghda finanzjarja taz-zewg kontendenti". Hu in fatti jikkontendi li l-posizzjoni finanzjarja tieghu ppeggjorat mentri ta' martu mmiljorat.

Il-konvenuta, li baqghet ma xehditx, tikkontesta t-talba billi ma kien hemm l-ebda bdil fic-cirkostanzi, gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur li jigustifikaw talba simili, li l-ammont gie liberament patwit u hu ben saput li 'pacta sunt servanda', u li l-attur ghandu l-mezzi biex jonnora l-obbligu minnu assunt.

In tema legali ghandu jinghad illi l-principju "pacta sunt servanda" huwa radikat fl-**Artikolu 992 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:- "(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom. (2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bilkunsens ta' tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi."

L-artikolu tal-ligi l-aktar rilevanti ghall-kawza odjerna huwa **s-sub-inciz 9 tal-Artikolu 54 tal-Kap. 16** li jipprovdi dan li gej:-

"(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ.

Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjetà b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbiltà kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf.

Iżda meta s-somma globali tkun tħallset jew il-proprjetà tkun ingħatat bħala parti biss mill-imsemmi obbligu, il-qorti għandha, meta tordna l-ħlas tas-somma globali jew l-għoti tal-proprjetà, fl-istess ħin tistabbilixxi l-parti tal-manteniment li tkun hekk sodisfatta u kull tibdil li jiġri wara għandu f'dan il-każ ikun japplika biss għal dik il-parti li ma tkunx sodisfatta u fl-istess proporzjon għaliha."

Skond il-gurisprudenza nostrana f'kawzi ta' din ix-xorta l-Qorti ghandha qabel xejn tiddistingwi dawk il-kazijiet fejn qed issir talba ghall-varjazzjoni ta' manteniment stabbilit b'sentenza u dawk il-kazijiet fejn it-talba ghall-varjazzjoni tirreferi ghall-manteniment stabbilit b'kuntratt.. Fis-sentenza taghha tad-29 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet "**Saviour Galea vs Carmela Galea**" il-Qorti tal-Appell ghamlet rassenja tal-gurisprudenza dwar il-materja in dizamina. Saret referenza ghas-sentenza **G Vella vs D Vella** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta` Jannar 1996:- "……….hu minnu li l-ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment 'ex lege' jigifieri dak determinat b`sentenza tal-Qorti, jew dak 'ex contractu', in kwantu tezisti l-possibilita ta` min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skont ma jkun il-kaz jekk jigi fi stat li ma jkunx jista jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu." Il-Qorti kompliet tiddikjara illi l-kriterji applikabbli meta si tratta ta' separazzjoni konsenswali, fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment, il-kriterji applikabbli mill-Qorti meta jkun hemm talba ghall-

varjazzjoni tal-manteniment pattwit huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kaz ta' manteniment li jkun gie impost mill- Qorti. Hekk ukoll fil-kawza **Alfred Grech vs Pauline Grech** l-Qorti tal-Appell abbracjat il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza **Vella Utrinque** pronunzjata tmien snin qabel u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn ilkonjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."
"Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament gurisprudenzjali u filwaqt li tadottah taghmel referenza ghal sentenza minnha moghtija fit-3 ta' April 2014 fl-ismijiet **Stephen Camilleri vs. Suzanne Camilleri** fejn gew ukoll abbraccjati l-istess principji hawn adottati. "

Kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Gloria Beacom et vs. Anthony Spiteri Stianes**" deciza fil-5 ta' Ottubru 1998, il-principju regolatur huwa li pacta sunt servanda, u cioe' dak li ftehmu l-partijiet liberament jikkostitwixxi ligi bejniethom, u ma jistax jigi varjat jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet, jew fil-kaz ta' mpossibilita' reali tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2012 ntqal hekk:

"Filwaqt li il-principju 'Pacta sunt servanda' ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-parti li gabuha fl-impossibilta' li tkompli tezegwixxi l-obbligu ta' hlas ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta' li tirrevedi dan l-obbligu. Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu " fl-interess tal-ordni pubbliku,li hu suprem u aqwa minn kull

ligi jew ftiehim bejn il-partijiet.” Fi kliem iehor, f’materja ta’ revizzjoni ta’ manteniment patwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju ‘ad impossibilia nemo tenetur’, li jifforma r-ratio legis tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap 16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta’ kuntratt.”

Fil-kaz in ezami ma rrizultax mill-provi li kien hemm bdil fic-cirkostanzi tal-attur li jaghmluha impossibbli ghall-attur li jibqa’ jhallas l-manteniment pattwit, anzi l-indikazzjonijiet huma l-oppost ta’ dak minnu allegat.

L-attur jallega wkoll li l-kondizzjoni finanzjarja tal-konvenuta tbiddlet ghall-ahjar. Apparti li fil-fehma tal-Qorti f’cirkostanzi simili il-miljorament fil-posizzjoni finanzjarja ta’ min skond il-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ghandu jircevi l-manteniment ma jwassalx awtomatikament ghat-telf tal-manteniment, l-attur ma ressaq ebda prova li l-kondizzjoni finanzjarja tal-intimata nbidlet, wisq anqas li din nbidlet ghall-ahjar. Veru li billi tghix mat-tifla, jew tnejn minnhom, presumibilment m’ghandiex spejjez ta’ kera. Pero’ jidher li effettivament ma nbidel xejn mic-cirkostanzi taghha min mindu sar l-kuntratt ta’ separazzjoni.

Mill-banda l-ohra rrizulta li:-

i. l-attur jircevi medja ta’ Euro 700 fix-xahar pensjoni taz-zewg terzi mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali, wara li jkun gja’ tnaqqas il-manteniment li jithallas direttament lill-mara mid-Dipartiment;

ii. fis-26 ta’ Jannar 2010 bieghu id-dar matrimonjali bil-prezz ta’ Euro 122,292 cioe’ sehemu jammonta ghall-Euro 61,146,

iii. irrizulta li biegh wiehed miz-zewg garaxxijiet lilu assenjati fil-kuntratt ta’ separazzjoni, ex admissis, bil-prezz ta’ Euro 20,000, ghalkemm ma giex pprezentat il-kuntatt relattiv, u

iv. mix-xhieda tar-rappresentant tad-Dipartiment irrizulta li mill-pensjoni tieghu jitnaqqas, biex tithallas il-mara il-manteniment l-ammont modest ta’ Euro 34.62 fil-gimgha.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi ma jezistux l-estremi li jintitolaw lill-attur jitlob varjazzjoni fil-quantum tal-manteniment pattwit fil-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tichad it-talbiet tal-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**